SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 6011

Illum is-Sibt, 26 ta' Novembru 2011
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fid-9.00a.m.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea u Joseph Bonello.

## SKUŻATA

Paulette Gafa` infurmat lil Kunsill li ma setgħatx tattendi għal-laqgħa minħabba li kellha ssiefer b'urġenza.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 5911 li saret nhar it-Tnejn, 24 ta' Ottubru 2011 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Bozza ħdejn il-Ġibjun f'Wied Garnaw*

Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta 4.4 u staqsa jekk kienx hemm xi permess pendenti għal bozza hawn fuq imsemmija. Is-Sindku qal li rriżulta li l-Kunsill kien applika għal permess biex issir bozza iżda dan ma kienx ġie milqugħ mill-Enemalta.

### 1.1.2 *Triq Ineż Soler*

Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet fuq ix-xogħol ta' *resurfacing* li kellu jibda fi Triq Ineż Soler. Is-Sindku qal li d-dewmien huwa dovut għal xi permessi minn Transport Malta u x-xogħol ser jibda fil-ġranet li ġejjin.

### 1.1.3 *DSA tas-Sindku*

Is-Sindku rrefera għall-iffirmar tal-Convenant of Mayors li ser isir fi Brussels fid-29 ta' Novembru 2011 u għad-DSA li ġiet approvata mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti. Huwa qal li fil-kapaċita tiegħu bħala membru tal-kummissjoni ENVE huwa kien ġie mistieden biex jattendi l-Covenant of Mayors, għaldaqstant mhux ser ikun hemm bżonn li jieħu DSA minħabba li l-ispejjeż tal-lukanda ser ikunu diġa koperti.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-24 ta' Ottubru 2011 u s-26 ta' Novembru 2011. Kopja taż-żewġ listi intbagħtu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1420/11/11 – Malta Olympic Committee – MOC *Local Council Sports Award*
- 1471/11/O – L-Onor. George Pullicino – Masġar Karl Chircop

**2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 1358/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema EGOV4U
- 1381/11/I - Abakus Labs – *website proposal*
- 1387/11/I – Moviment Kerygma – Premju Żgħażugħ tas-Sena 2011
- 1415/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Mixtla siġar indiġini Maltin
- 1436/11/I – GO p.l.c. – twaħħil ta' arbli ta' l-injam fi Triq Katerina Vitale
- 1443/11/I – ELC Ltd. – *Donations of* 250 *Planters*
- 1515/11/I – Residenta – Arriva X2 u X3
- 1555/11/I – George Cassar – Ktieb Ġdid

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- SLLC *Memo* 19/2011 - Kwotazzjoni Q (57/11/13) - *Christmas Street Lighting Decorations*
- *Playground Inspection Report*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1358/11/I, is-Sindku nforma li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-fondi mill-iskema EGOV4U ma ntgħażlitx mill-bord ta' l-evalwazzjoni.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1381/11/I il-Kunsill qabel li għalissa ma jikkunsidrax il-proposta għal *website* ġdida peress li diġa għandu żewġ *websites* li jridu ħafna mpenn biex iżżommhom aġġornati.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1387/11/I il-Kunsill innota l-korrispondenza dwar premju 'Żgħażugħ tas-Sena 2011'.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1415/11/I il-Kunsill talab laqgħa mal-Uffiċjali responsabbli mill-inizjattiva tal-Ministeru għar-Risorsi u l-Affarijiet Rurali (MRRA) dwar mixtla ta' siġar indiġini Maltin.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1436/11/I – il-Kunsill iddiskuta t-tweġiba tal-Kunsill fir-rigward ta' l-arbli tal-injam li twaħħlu mill-kumpanija GO fi Triq Katerina Vitale. Il-Kunsill qabel li tintbagħt ittra oħra lil kumpanija GO biex b'effett immedjat jitneħħew l-arbli msemmija minn Triq Katerina Vitale peress li dawn kienu qed jagħmlu ħsara fuq il-bankina u twaħħlu mingħajr permess.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1443/11/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-ELC Ltd. kienu ser jgħatu 250 *planter* lil Kunsill biex jitqassmu lir-residenti.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1515/11/I inqrat *e-mail* li ntbagħtet minn residenta dwar is-servizz tat-trasport pubbliku. Fl-*e-mail* tagħha din ir-residenta resqet xi proposti dwar dan is-servizz. Is-Sindku qal li rridu nistennew li tinfetaħ Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa biex naraw kif ser jaffettwawna r-rotot li ser jgħaddu minn din it-triq, imbagħad inkunu f'pożizzjoni li nresqu proposti oħra.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1555/11/I il-Kunsill qabel li għalissa ma jixtriex kotba ġodda sakemm jara x'hemm bżonn għal-librerija pubblika.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *LED Lighting System fil-Jogging Track, ref: JT(LED)57/11/03*

Is-Sindku ppreżenta ittra li ntbagħtet minn Nexos Street Lighting Ltd. fir-rigward tax-xogħol li sar fil-Jogging Track taħt il-kuntratt hawn fuq imsemmi. Fl-ittra tiegħu Nexos Street Lighting irrefera għal fatt li kien diġa ta *discount* ta' €4800 fuq l-offerta tat-*tender* biex il-Kunsill ma jaqbiżx il-fondi allokati għal dan il-proġett. Għaldaqstant talab lil Kunsill biex jikkunsidra s-somma ta' €2000 bħala *final settlement* għal *management fee* li skond id-dokumenti tal-offerta kellha tammonta għal 5% tal-kont, jiġifieri €3600. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u l-fatt li meta l-kuntrattur imsemmi ta *discount* ta' €4800 seta' ma kkunsidrax li mill-kont finali riedu jerġgħu jitnaqqsu 5% bħala *contract management fee*. Għaldaqstant il-Kunsill approva din it-talba.

### 4.2 *Proġett ta' Rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-proġett hawn fuq imsemmi. Huwa qal li l-Kunsill kien kiteb lil Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment fejn qallu li ma kienx possibbli li jerfa' r-responsabilta' ta' perit u permessi tal-Mepa. Huwa qal li kienet intalbet stima lil perit tal-Kunsill u din kienet tammonta għal madwar €35,000. Is-Sindku qal li minn informazzjoni li għandu jidher li s-servizz tal-perit ser jiġi kopert min-naħa tal-Gvern Ċentrali. Huwa qal li kien ser iżomm il-Kunsill kontinwament infurmat dwar kull żvilupp f'dan ir-rigward.

**4.3 *Masġar Karl Chircop***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien kiteb lil Onor. George Pullicino fejn talbu jgħin lil Kunsill fil-kostruzzjoni ta' ħajt tas-sejjieħ li jdawwar il-Masġar Karl Chircop. Is-Sindku bi pjaċir informa l-Kunsill li kellu tweġiba pożittiva f'dan ir-rigward u x-xogħol mistenni jibda f'April 2012.

**4.4 *Manutenzjoni tas-CCTV Cameras***

Is-Sindku ppreżenta kwotazzjoni għal manutenzjoni tas-CCTV *camera* li l-Kunsill għandu fuq il-kampnar tal-Knisja. Huwa qal li jrid jinbidel il-*cable* tul ta' 500 metru għal spiża ta' €860 li tikludi wkoll il-kiri ta' *high up* u *labour works*. Is-Sindku kompla jgħid li kien ser ikellem lil kuntrattur biex jara jistgħax iraħħas xi ftit din il-kwotazzjoni.

**4.5 *Playground Report***

Is-Sindku ppreżenta rapport ta' spezzjoni tal-Playing Field *area* li ntbagħt mill-Malta Competition and Consumer Affairs Authority. Huwa qal li l-Kunsill kien applika għal fondi taħt l-iskema ta' finanzjament għal titjib fil-*playing fields* eżistenti biex ikun jista' jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa kif ukoll xi titjieb ta' din il-faċilita'. Is-Sindku qal ukoll li b'effett immedjat ġew mibdula s-*seats* tal-bandli peress li kien hemm il-ħadid mikxuf li kien ta' periklu għat-tfal. Huwa qal ukoll li xogħol ta' manutenzjoni ieħor fuq il-bandli ser isir f'Diċembru 2011.

**4.6 *Skema tal-Awtorita' tad-Djar - Pjan ta' manutenzjoni tal-binjiet tal-Gvern***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li fis-sena 2012 ser issir manutenzjoni fuq għaxar binjiet oħra. Il-Kunsill qabel li jibqa' sejjer fl-ordni li kien qabad iġifieri l-eqdem l-ewwel.

**4.7 *Avviż għal post ta' librar/a għal-Librerija Pubblika***

Is-Sindku ppropona li joħroġ l-avviż għal post ta' librar/a għal-Librerija Pubblika. Il-Kunsill iddiskuta l-ħinijiet tal-ftuħ ta' din il-librerija u ġie propost li dawn ikunu nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt filgħodu mid-9.00a.m sa nofs inhar, u nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ġimgħa, tinfetaħ filgħaxija bejn l-4.00p.m u s-7.00p.m.

**4.8 *Devoluzzjoni tal-Jogging Track***

Is-Sindku ppropona li ssir applikazzjoni biex l-*area* tal-Jogging Track tkun devoluta' lil Kunsill. Huwa qal li saritlu talba biex titqiegħed *vending machine* tal-minerali f'din l-*area* u hu kien qed jipproponi li din issir ħdejn il-*main box*. Saret diskussjoni fuq din il-proposta u ssemmew xi postijiet oħrajn fejn din tista' titwaħħal. Il-Kunsill għandu jara fejn teknikament din tista' tiġi nstallata.

## 4.9 *Training Madrid tas-Segretarju Eżekuttiv*

Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Segretarju Eżekuttiv ser tattendi għal *training* li ser isir f'Madrid taħt il-proġett EUCDM bejn it-13 u s-17 ta' Diċembru 2011. Is-Sindku qal li l-ispejjeż ser ikunu kważi kollha koperti taħt dan il-proġett. Huwa ppropona li l-Kunsill ikopri xi spejjeż oħra li jista' jkun hemm. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 4.10 *360º Virtual Tour*

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill proposta ta' My Destination Malta li qed toffri li tagħmel 360º *virtual tour* tal-lokalita' ta' Santa Luċija li tista' tintuża fuq il-*website* tal-Kunsill. L-ispiża nvoluta tammonta għal €295 (Vat ink.) li titħallas darba u tkopri sa 8 *views*. Il-Kunsill approva din il-proposta.

## 4.11 *GAL Xlokk*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien ser jissottometti *expression of interest* biex jinġibu fondi mill-*European Agricultural Fund for Rural Development – Measure* 125 fejn il-Kunsill jista' jingħata sa massimu ta' €30,000 biex jiġu rranġati toroq rurali bħal ma nsibu f'Wied Garnaw, Santa Luċija. Huwa qal li l-perit tal-Kunsill ħejja l-istimi ta' erba trejqiet f'dan il-Wied u qal li xi wħud minnhom l-ispiża nvoluta tlaħħaq viċin it-€30,000. Il-Kunsill qabel li bħala priorita' jagħżel l-isqaq ta' Garnaw li jwassal għal kappella ta' Santa Luċija.

## 4.12 *Attivita' tal-Milied*

Is-Sindku qal li ser tiġi organizzata attivita' għall-adulti fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied. Din l-attivita' ser issir fis-sala tal-Kappillan nhar it-Tlieta, 20 ta' Diċembru 2011 fis-7.30p.m.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3796 sa numru BOV3834 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti minn 10/10/2011 sa 05/11/2011 (CM60).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri mal-Minuti numru 5911.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Novembru 2011 Ammont *Gross* €4998.00

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | Serv.Ottubru 11 | 2869.00 |
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | Serv.Ottubru 11 | 1131.53 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | Serv. Settembru11 | 2750.25 |
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | Serv.Settembru 11 | 1131.53 |
| Ronald Bezzina | SLLC Q(57/11/04) | Serv.*Bowser* Settembru 11 | 500.00 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX Ottubru 11 | 8482 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Signs/Mrkgs* | 2314 | 83.61 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv. Ottubru 11 | 2061.50 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | Serv. Ottubru 11 | 507.73 |
| Nexos Street Lighting Ltd. | *Str.Light* | 2010164 | 1147.09 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX Novembru 11 | 77.77 |
| Asfaltar Construction Ltd. | RR/PW 57/09/05 | 624 | 6398.50 |

## 6. BUSINESS PLAN 2011-2013

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq *draft* tal-*Business Plan* għal perjodu bejn 2011-2013. Kopja ta' dan il-*Business Plan* kienet intbagħtet lil membri kollha tal-Kunsill minn diversi ġranet qabel biex jingħata ċans lil min xtaq iressaq xi emendi għal dan il-pjan ta' tlett snin. Il-Kunsill approva l-*Business Plan* 2011-2013 kif propost.

## 7. KWOTAZZJONI SLLC Q(57/11/13)

Saret referenza għas-sejħa hawn fuq imsemmija li nħarġet mill-Kunsill għal xiri ta' servizz ta' tiżjin ta' toroq b'dawl dekorattiv għal festi tal-Milied. Għal din is-sejħa li kienet tagħlaq fit-18 ta' Novembru 2011, ġew mitfugħa żewġ kwotazzjonijiet kif ġej:

| Kuntrattur | Ammont (€) | Rimarki |
|---|---|---|
| Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja | 1,260.00 | Tinkludi żewġ kaxxi tad-dawl (€130 'il waħda). |
| Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria | 1,099.00 | Tinkludi kaxxa tad-dawl waħda. |

Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni jiġifieri dik ta' l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria.

## 8. ONE WAY SYSTEM F'DIVERSI TOROQ F'SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul l-implimentazzjoni riċenti tas-sistema ta' *one way* li affettwat diversi toroq f'Santa Luċija. Ġew evalwati d-diversi lmenti u suġġerimenti li tresqu mir-residenti f'dan ir-rigward. Il-Kunsill approva diversi emendi kif gej:

- Triq in-Narċis – man-*no entry sign* jiżdiedu l-kliem *"except for residents and to render a service".*
- Dawret it-Torri kantuniera ma' Triq in-Narċis – in-*no entry sign* jitwaħħal fuq wara ta' l-i*stop sign* eżistenti.
- Triq iż-Żinja kantuniera ma' Triq il-Ġjaċinti – terġa' tiġi kif kienet u titwaħħal mera.
- Triq id-Dalja – minħabba l-problema tat-trakkijiet li jiġu biex iħottu l-merkanzija għal tal-ħwienet il-Kunsill qabel li s-sistema tat-traffiku f'din it-triq terġa' lura għal li kienet.

- Triq il-Ġiżimin – ma kienx hemm deċiżjoni.

- Triq San Piju X – Il-Kunsill qabel li jirrevedi s-sistema tat-traffiku f'din it-triq billi jidher li hemm xi diffikultajiet li għad iridu jiġu ndirizzati.

## 9. XOGĦOLIJIET

### 9.1 *Bankini*

Is-Sindku ppreżenta kwotazzjoni ta' xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankina ta' Triq Maria De Domenicis bejn Triq iż-Żnuber u Triq l-Għansar. L-ispiża nvoluta tammonta għal €3993.51. Il-Kunsill qabel li ma jidħolx għal din l-ispiża għalissa u jiġi rranġat biss parti żgħira quddiem numru 26, Triq Maria De Domecis biex jitneħħa l-periklu.

### 9.2 *Xogħol marbut ma' nstallazjoni ġdida ta' dawl.*

Is-Sindku rrefera għall-approvazzjoni ta' l-Enemalta għat-talba tal-Kunsill biex isir dawl ġdid fi Triq ir-Rand u fi Triq il-Petunja. Huwa qal li biex isir dawl ġdid f'dawn it-toroq hemm bżonn ta' xogħol ta' *trenching* intensiv li minn stima li għandu l-Kunsill jammonta għal spiża totali ta' €4607.99. Il-Kunsill qabel li għalissa ma jagħmilx din l-ispiża. Fir-rigward ta' dawl ġdid fi Triq il-Ġiżimin, li diġa huwa approvat mill-Enemalta, il-Kunsill qabel li jista' jmexxi.

### 9.3 *Oħrajn*

**9.3.1** Fuq suġġeriment ta' residenta l-Kunsill qabel li waqt li jkun qed isir ix-xogħol ta' titjib fil-Playing Field isir ukoll ċint mal-*basketball pitch*.

**9.3.2** Il-Kunsill ma laqgħax suġġeriment li sar minn resident biex fi Triq il-Begonja ssir tabella li tindika s-*side street* li hemm fi Blokk 13,14 u 15. Il-Kunsill qabel li din tista' tkun *misleading* għas-sewwieqa peress li fi Triq il-Begonja m' hemmx aċċess għal dawn it-trejqat.

**9.3.3** Fuq suġġeriment ta' resident minn Triq l-Istefanotis għandu jsir *yellow line* ta' metru fuq kull naħa tal-garaxxijiet għax meta jkun hemm karozzi pparkjati fuq in-naħa l-oħra tat-triq tkun diffiċli biex joħorġu l-karozzi mill-garaxx.

## 10. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fl-11.45a.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2011 fin-12.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum it-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2011**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**